**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Każ numru 182/2019 (SG)**

**Il-Pulizija**

**versus**

**Joseph Gatt**

**Raymond Gatt**

**William Gatt**

**Mariano Gatt**

**Ronnie Gatt**

**Illum 11 ta' Diċembru 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjoni dedotti kontra **Joseph Gatt** ta' 61 sena mwieled Rabat Għawdex fit-13 ta' Marzu 1958, detentur tal-karta tal-identita' numru 15558G, **Raymond Gatt** ta' 57 sena mwieled Rabat Għawdex fit-28 ta' Ġunju 1961, detentur tal-karta tal-identita' numru 50861G, **William Gatt** ta' 52 sena mwieled Xewkija Għawdex fl-24 ta' Awwissu 1966, detentur tal-karta tal-identita numru 29266G, **Mariano Gatt,** ta' 59 sena mwieled Rabat Għawdex fis26 ta' Lulju 1959, detentur tal-karta tal-identita numru 46159G, u **Ronnie Gatt,** ta' 44 sena mwieled Rabat Għawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 17974G li permezz tagħhom gew akkuzati talli nhar it-2 ta' Mejju 2017, għall-ħabta tal-ħamsa u tnax-il minuta ta' wara nofsinhar (17:12hrs) ġewwa l-impjant bl-isem Gatt Ready Mix, fi Triq il-Qala,

Għajnsielem, Għawdex fil-kapacita tagħhom personali u/jew diretturi ta' Gatt Enterprises Limited, Gatt Tarmac Limited, Gatt Construction Limited, Gatt Development Limited u/jew Gatt Ready Mix Limited:

1. Bħala persuni li jħaddmu, naqsu li dejjem jizguraw is-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dawk il-persuni li jħaddmu,
2. U aktar talli, bħala persuni li jħaddmu, naqsu li jagħmlu, jew li jizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurta' kollha li jistgħu ikunu prezenti fuq il-post tax-xogħol u r-riski li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xogħol, liema evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, kif ukoll ir-riski għas-saħħa u s-sigurta ta' persuni oħrajn, inkluzi dawk li jzuru l-post tax-xogħol, liema riski jirrizultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriza,
3. U aktar talli, fejn ikunu impjegati ħames ħaddiema jew aktar, bħala persuni li jħaddmu naqsu milli jzommu fil-pussess tagħhom kopji bil-miktub jew li jistgħu jinkisbu b'mod eletronniku ta' dawk l-evalwazzjonijiet, u naqsu li jizguraw li jkunu aġġornati regolarment,
4. U aktar talli, bħala persuni li jħaddmu, naqsu li jipprovdu u jizguraw li jkun hemm taħt il-kontroll tagħhom fil-ħinijiet kollha sinjali ta' saħħa u, jew ta' sigurta kif imiss u xierqa u f'dawk il-kazijiet kollha fejn il-periklu ma jistax jiġi evitat jew adegwatament imnaqqas b'teknikalitajiet għall-ħarsien kollettiv jew b'mizuri, metodi jew proceduri li jintuzaw fl-organizzazzjoni tax-xogħol, jew fejn ir-riski li jirrizultaw minn dawn il-perikli ma jistgħux jiġu mnaqqsa adegwatament ħlief permezz ta' twaħħil ta' sinjali xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjez inkorsi bil-ħatra ta' esperti u/jew periti fl-inkesta maġisterjali li nzammet dwar ir-reati mertu tal-akkuzi odjerni, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Rat** li din il-kawza ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti;

**Rat** it-traskrizzjonijiet kollha;

**Rat** l-atti tal-inkjesta numru 33/2017 kif ukoll rat li din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta kkonfermat il-ħatra tal-esperti nominati f'dik l-inkjesta;

**Rat** ukoll li fil-21 ta' Novembru 2023 il-Prosekuzzjoni, l-imputati u l-parte civile lkoll qablu li l-provi u dokumenti li nġabru mill-perit legali kif ukoll il-provi u dokumenti kollha li nġabru minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta għandhom jiġu meqjusa bħala provi ammissibbli;

**Rat** l-atti kollha tal-proċeduri;

**Semgħet** is-sottomissjonijiet orali finali fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2023;

**Rat** illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Fattispecie tal-każ u provi prodotti**

Irriżulta li fit-2 ta' Mejju 2017, seħħ inċident ġewwa l-impjant bl-isem Gatt Ready Mix fi Triq il-Qala, Għajnsielem, Għawdex li per konsegwenza tiegħu sofra ġrieħi gravi ċertu Emanuel Mercieca.

F'din il-kawża, quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, ġie esibit ċertifikat mediku rilaxxjat minn Dr Joseph Vella li minnu jirriżulta li l-ġrieħi li sofra Emanuel Mercieca kienu ġrieħi gravi u kien anke fil-periklu li jitlef ħajtu. Dan iċ-ċertifikat mediku ġie kkonfermat bil-ġurament mill-istess Dr Vella permezz ta' affidavit maħluf fis-26 ta' April 2019.

Ġie wkoll esibit l-proces verbal li sar fir-rigward tal-inkjesta li nfetħet in konnessjoni ma' dan l-inċident. F'din l-inkjesta ġie ppreżentat rapport tas-SOCO PC 60 u PC 951 liema rapport kien jinkludi diversi ritratti u xi kampjuni li ġew elevati. L-ispejjeż inkorsi għal dan ir-rapport kienu jammontaw għal €146.95ċ. Ġie ppreżentat rapport ta' Dr Marisa Cassar liema rapport ġie jammonta għal €14.16ċ. Il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tar-rapport tal-Perit Cornelia Tabone (spejjeż inkorsi għal dan ir-rapport kienu jammontaw għal €538.04ċ) u tar-rapport ta' Samuel Cefai (spejjeż inkorsi għal dan ir-rapport kienu jammontaw għal €237.27ċ). Hadet konjizzjoni wkoll tar-rapport tal-espert Mario Buttigieg (liema spejjeż għal dan ir-rapport ammontaw għal €872.85ċ) u tar-rapport tal-espert legali Dr Renata Farrugia (liema spejjeż għal dan ir-rapport ammontaw għal €806.65ċ).

Fl-10 ta' Mejju 2019, din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta ħatret lil Dr Marsette Portelli Xerri bħala espert legali sabiex tisma' x-xhieda bil-ġurament, tiġbor id-dokumenti kolha u tagħmel aċċess jekk ikun hemm bżonn filwaqt li tirrelata lill-Qorti. Madanakollu, din il-Qorti hekk kif ippreseduta kienet irrevokat l-inkarigu mogħti lil Dr Marsette Portelli Xerri fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2022 filwaqt li ordnat li l-inkartament kollu relattiv jiġi ppreżentat quddiem din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat li quddiem Dr Marsette Portelli Xerri, instemgħet ix-xhieda ta' Dr Daniel Calleja in rappreżentanza tar-Registrar of Companies li mix-xhieda tiegħu rriżulta min mill-imputati fid-data tal-inċident kien direttur tal-kumpaniji Gatt Enterprises Limited, Gatt Tarmac Limited, Gatt construction Limited u Gatt Development Limited filwaqt li rriżulta wkoll li fid-data tal-inċident Gatt Ready Mix Limited kienet *struck off.* Quddiem il-perit legali xehed ukoll Saviour Farrugia in rappreżentanza tal-Transport Malta li spjega li l-vettura GBD 669 kienet reġistrata fuq Gatt Development Limited. Xehed ukoll l-

Ispettur Josef Gauci u ġew ippreżentati affidavits ta' Dr Joseph Vella, PS 552 Matthew Grech u PC 141 C Azzopardi. Quddiem il-perit legali, komplew jinstemgħu xhieda oħra u ċjoè Norbert Ciappara in rappreżentanza tal-OHSA, Emanuel Mercieca, Ray Aquilina, Marcel Tabone in rappreżentanza tal-Jobsplus, Dr Paul Zammit bħala konsulent tal-ġerjatrija, Dr Michael Refalo, il-plastic surgeon Mr Francis X Darmanin u Mark Portelli. Dr Marsette Portelli Xerri esibiet ukoll il-file mediku ta' Emaneul Mercieca.

**Ikkunsidrat**

**Id-dispożizzjonijiet legali li bihom ġew akkużati l-imputati**

Illi l-imputati ġew akkużati taħt Artikolu 6(1) (2) ta' Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi illi:

*6.(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*
*Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:*
*Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.*
*(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*
*(a) li jiġi evitat riskju;*
*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*
*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*
*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*
*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*
*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.*

L-imputati ġew akkużati wkoll taħt Regolament 10(1) u 10(2) tal-Avviż Legali 36/2003 Regolament tal-2003 dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa

u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Liġi Sussidjarja 424.18). Din il-Qorti tirrimarka li fl-imputazzjonijiet erronjament ġie mniżżel l-avviż legali bin-numru 33/2003 iżda nonostante, dan jidher li huwa żball tal-pinna stante li fl-istess tieni u t-tielet imputazzjonijiet hemm imniżżel li l-isem ta' dan l-avviż legali huwa Regolamenti tal-2003 dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, liema regolamenti huma proprju dawk kontenuti fl-avviż legali 36/2003 (ukoll identifikabbli bħala Leġislazzjoni sussidjarja 424.18). Dawn ir-regolamenti jiddisponu illi:

*10.(1) Għandu jkun id-dmir ta' kull min iħaddem u ta' kull persuna li taħdem għal rasha li tagħmel, jew li tiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża.*
*Iżda meta jsiru dawn l-evalwazzjonijiet, min iħaddem u persuna li taħdem għal rasha għandhom jikkunsidraw ukoll bidliet fl-attivitajiet tax-xogħol imwettaq u fil-post tax-xogħol, u għandhom jieħdu azzjoni xierqa.*
*(2) Fejn ikunu impjegati ħames ħaddiema jew aktar, min iħaddem għandu jżomm fil-pussess tiegħu kopji bil-miktub jew li jistgħu jinkisbu b'mod elettroniku ta' dawn l-evalwazzjonijiet, u għandu jiżgura li jkunu aġġornati regolarment.*

Imbagħad fir-raba' imputazzjoni, l-imputati ġew akkużati taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.16 Regolament dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol li taqra:

*4.(1)Min iħaddem għandu jipprovdi u jiżgura li jkun hemm taħt il-kontroll tiegħu fil-ħinijiet kollha sinjali ta' saħħa u, jew ta' sigurtà kif imiss u xierqa, u f'dawk il-każijiet kollha fejn il-periklu ma jistax jiġi evitat jew adegwatament imnaqqas b'teknikalitajiet għall-ħarsien kollettiv jew b'miżuri, metodi jew proceduri li jintużaw fl-organizzazzjoni tax-xogħol, jew fejn ir-riskji li jirriżultaw minn dawn il-perikli ma jistgħux jigu mnaqqsa adegwatament ħlief permezz ta' twaħħil ta' sinjali xierqa: Iżda, mingħajr ħsara għall-generalità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, it-twaħħil minn min iħaddem ta' sinjali ta' saħħa u, jew ta' sigurtà ma jeżonerawx lil min iħaddem milli jagħmel eżami xieraq u kif imiss tar-riskji involuti, liema eżami jieħu in konsiderazzjoni x-xorta ta' l-attivitajiet li jitmexxew, jew milli jaddotta l-miżuri xierqa biex jipprotegi lil persuni kollettivament, jew milli jieħu miżuri preventivi li jkun hemm bżonn, jew xi metodu ieħor jew procedura*

*oħra wżati fl-organizzazzjoni tax-xogħol li bihom jigu evitati jew imnaqqsa adegwatament ir-riskji li jirrizultaw mill-preżenza ta' perikli fuq il-post tax-xogħol.*
*(2)Min iħaddem għandu jżomm kif imiss kull sinjal ta' saħħa u, jew ta' sigurtà istallat fil-post tax-xogħol, u għandu jissostitwixxi kull sinjal li jkun imqatta', ma jintgħarafx jew li ma jkunx jista' jinqara.*
*(3)Min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema kollha jkunu informati, mgħallma u mħarrga adegwatament, b'mod li jkun rilevanti u jista' jinftiehem facilment, dwar it-tifsir ta' sinjali ta' saħħa u, jew ta' sigurtà, inkluzi dawk is-sinjali li jkun fihom xi kliem, u dwar l-agir b'mod generali u specifiku u dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu f'konnessjoni ma' dawk is-sinjali.*
*(4)Min iħaddem għandu jikkonsulta lill-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom għas-saħħa u s-sigurtà, li għandhom ukoll jingħataw kull opportunità ragonevoli biex jagħmlu l-proposti tagħhom u jippartecipaw f'diskussjonijiet dwar suggetti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.*

**Ikkunsidrat**

**Argumenti mressqa mid-difiża**

Dr Noel Camileri fis-sottomissjonijiet verbali tiegħu ssottometta illi ser jibbaża d-difiża tal-imputati, klijenti tiegħu, fuq erba' binarji: (i) in-nuqqas tal-Prosekuzzjoni biex jintlaħaq il-grad tal-prova rikjest fil-ligi (ii) l-inkonsistenza fin-narrativa tal-parte civile; (iii) l-imputati ħadu ħsieb ukoll biex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom u (iv) in-negliġenza proprju tal-parte civile.

Dwar **in-nuqqas tal-Prosekuzzjoni biex jintlaħaq il-grad tal-prova rikjest fil-liġi**, id-difiża saħqet li hemm inkonsistenza lampanti fil-prova dwar min hu l-propjetarju tal-post fejn seħħ l-inċident u dana stante li skont l-istess difiża, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli dwar min hu s-sid tal-propjetà fejn seħħ l-inċident. Din il-Qorti tqis li l-imputati ġew imħarrka fil-kwalità tagħhom **ta' min iħaddem** u mhux fil-kwalità tagħhom ta' sidien tal-impriża. Huwa ċar illi l-liġi f'dan l-aspett jinteressaha mill-komportament ta' min iħaddem vis-à-vis l-impjegati tiegħu. Għaldaqstant, hu għalkollox immaterjali min huwa s-sid tal-impriża. Dak li kellha tipprova l-Prosekuzzjoni huwa li tressaq min kien qiegħed iħaddem lil dawn iż-żewg persuni involuti f'dan l-inċident partikolari u ċioè lil Mark Tabone u lil Emanuel Mercieca.

Id-definizzjoni ta' min iħaddem hija mogħtija fl-att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol, Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta:

"*tfisser il-persuna li għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew sub kuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizz.*"

Marcel Tabone, rappreżentant ta' Jobsplus, mistoqsi jesibixxi l-employment history ta' Mark Tabone u ta' Emanuel Mercieca xehed "speċifikatament ma'

min kienu jaħdmu f'Mejju 2017, mil-liema jirriżulta li Mark Tabone kien jaħdem ma' Gatt Enterprises Limited (li bi żball fit-traskrizzjoni tax-xhieda ġiet imniżżla bħala Mark Enterprises Limited) u Emanuel Mercieca ma' Gatt Tarmac Limited.

Mill-proċess kollu, irriżulta li l-impriża tikkonsisti f'aktar kumpaniji, li l-azzjonisti tagħhom huma kollha l-imputati u qraba oħrajn, però għall-iskop tal-imputazzjonijiet odjerni, il-Qorti sejra tiffoka fuq min huma d-diretturi ta' Gatt Enterprises Limited u ta' Gatt Tarmac Limited biss. Dwar min huma d-diretturi ta' Gatt Enterprises Limited u Gatt Tarmac Limited Daniel Calleja in rappreżentanza tar-Registrar of Companies ippreżenta informazzjoni dwar min huma l-azzjonisti, id-diretturi u s-segretarji tal-kumpaniji li kienu jħaddmu lill-partijiet li kienu involuti fl-inċident li seħħ fit-2 ta' Mejju 2017, kif ukoll informazzjoni dwar kumpaniji oħrajn illi wkoll joperaw mill-istess impriża. Dan spjega li fir-rigward ta' **Gatt Enterprises Limited** (C41625), din ġiet reġistrata fil-15 ta' Gunju 2007, bir-registered address 53, Kapuċċini Street, Victoria, Gozo — DOK DC1. Spjega li Benny Gatt, Joe Gatt, Mario Gatt, Raymond Gatt, Ronnie Gatt u William Gatt kienu azzjonisti fit-2 ta' Mejju 2017, filwaqt li diretturi kienu **Mario Gatt** u **Ronnie Gatt**, u s-segretarju kien Ronnie Gatt. Spjega wkoll li **Gatt Tarmac Limited** C 26272, ġiet reġistrata fil-25 ta' April 2000 bir-registered address 53, Kapuċċini Street, Victoria, Gozo — Dok. DC2. Qal li Gatt Development Ltd, u Mario Gatt kienu azzjonisti fit-2 ta' Mejju 2017 filwaqt li d-diretturi kienu **Joe Gatt**, **Raymond Gatt** u **William Gatt**, filwaqt li s-segretarju kien Raymond Gatt. Kompla jispjega li **Gatt Development Limited** C 16310 ġiet reġistrata fis-27 ta' Mejju 1994, bir-registered address 53, Kapuċċini Street, Victoria, Gozo — DC4 — u li Benny Gatt, Joe Gatt, Mario Gatt, Raymond Gatt, Ronnie Gatt u William Gatt kienu azzjonisti fit-2 ta' Mejju 2017, filwaqt li d-diretturi kienu Joe Gatt, Raymond Gatt u William Gatt u bħala segretarju kien hemm Raymond Gatt.

Barra minn dan, skont dokument NC8 fil-proċess, li huwa r-rapport intier tal-OHSA ippreżentat minn Norbert Ciappara, jirriżulta illi wieħed mill-imputati kien ukoll indika min kienu l-kumpaniji li jħaddmu lil Mark Tabone u lil Emanuel Mercieca –

"*On the 26th of May 2017 the undersigned [Norbert Ciappara] and officer C. Zarb called at Gatt Tarmac plant in Qala road Ghajnsielem, and spoken to Mr Mario Gatt. Who indicated that he was the employer of both Mark Tanti (sic) the truck driver involved in the accident and victim Emmanuel Mercieca...... He also indicated that victim Emanuel Mercieca was employed with Gatt Tarmac LTD, whilst Mark Tabone was employed with Gatt enterprises.*"

Barra minn dan, jirriżulta wkoll mill-inkjesta numru 33/2017, u anke mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant ta' Transport Malta quddiem il-perit legali, illi t-trakk tal-għamla Leyland DAF involut f'dan l-inċident bin-numru

ta' reġistrazzjoni GBF 669 huwa reġistrat fuq il-kumpanija Gatt Development Limited.

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li ġie ppruvat illi l-imputati kollha fil-kwalità tagħhom ta' diretturi ta' Gatt Enterprises Limited, u Gatt Tarmac Limited kienu jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' min iħaddem, u għaldaqstant kienu obbligati illi jsegwu l-liġi dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u l-leġislazzjoni sussidjarja li temani mill-liġi prinċipali. Stabbilit dan, jirriżulta wkoll illi l-impjant fejn sfortunatament seħħ dan l-inċident u liema impjant kellhom aċċess għalihom il-ħaddiema li kienu ingaġġati biex jagħtu dan is-servizz, għandu jitqies bħala "post tax-xogħol" għall-fini tal-artikolu 2 tal-Kap. 424.

**Dwar l-inkonsistenza fin-narrattiva tal-parte civile**, id-difiża saħqet li l-verżjoni mogħtija minn Emanuel Mercieca tvarja kontinwament u għalhekk din il-Qorti ma tistax tistrieħ fuqha. Din il-Qorti tqis li meta tevalwa dawk il-provi li tressqu quddiemha, b'mod partikolari x-xhieda ta' Norbert Ciappara bħala uffiċjal tal-OHSA mogħtija quddiem il-perit legali Dr Marsette Portelli Xerri u l-konstatazzjonijiet li saru mill-Perit Tekniku Mario Buttigieg fl-atti tal-inkjesta, jirriżulta mingħajr l-ebda dubbju raġjonevoli li dakinhar tal-inċident, kien hemm diversi nuqqasijiet fil-post tax-xogħol fejn ġara proprju dan l-inċident. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet li bihom qed jiġu akkużati l-imputati, il-kredibilità o meno tax-xhieda ta' Emanuel Mercieca ma toffri l-ebda sostenn lid-difiża.

Din il-Qorti ma tistax tiskarta li mill-inkjesta u mir-rapport tal-OHSA rriżultat lista sħiħa ta' nuqqasijiet daparti tad-diretturi tal-intrapriża/i, u nuqqas ta' osservanza tal-Att dwar is-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Infatti, il-Perit Tekniku Mario Buttigieg ikkonstata illi:

"*Intant il-kumpanija Gatt Development Limited (sic) fejn jaħdem il-vittma tħaddem bejn tnax (12) sa ħmistax (15)-il persuna. Intant din il-kumpanija ma għamlet l-ebda Health Risk Assessment fejn peress li hemm aktar minn ħames (5) impjegati l-ligi tipprovdi li d-dokumenti ta' natura health risk assessment għandu jkun immanifestat bil-miktub. Ħareg manifestament car li l-kumpanija ma tat ebda tip ta' taħrig lill-ħaddiema tagħha la qabel ma bdew ix-xogħol u lanqas tul l-impieg tagħhom. Waqt l-access li sar gewwa l-garaxx irrizulta li l-kumpanija ma tadoperax prassi ta' sigurta fuq il-lok tax-xogħol. Illi l-kumpanija naqset milli tipprovdi railings biex b'hekk jigu ssegregati l-ħaddiema u l-ingenji. Gie osservat li ma kien hemm l-ebda tabella li tindik minn fejn wieħed għandu jimxi b'mod sigur u fil-fatt hija ħaga regolari illi l-ħaddiema jimxu biswit l-ingenji waqt li jkunu qegħdin jitħaddmu.*

*Waqt ix-xhieda giet stabbilit li wara x-xogħol u sakemm il-vettura li jkun saqu tkun qed tinħasel, is-sewwieqa tal-heavy plant għandhom il-vizzju li joqgħodu jitkellmu fil-kamra illi tintuza bħala ufficju. Wara li trakk ikun lest jitilqu minn fejn ikunu u jimxu minn bejn l-ingenji. Illi anki meta l-ħaddiema joħorgu ma hemm l-ebda tip ta' railing sabiex jimxu fis-sigurta.*

*...illi minn dak li ħareġ hija fl-opinjoni tal-esponent illi jidher li hemm diversi nuqqasijiet serji da parte tad-diretturi ta' Gatt Construction Limited u ta' Gatt Ready Mix Limited illi ma osservawx ir-regolamenti tal-Health and Safety fil-legislazzjoni principali tal-Att dwar is-Sigurta fuq il-post tax-xogħol tal-Kap 424 u tal-Kap 462 (sic) tal-Liġijiet ta' Malta... Illi għaldaqstant hija l-opinjoni umli tal-esponent illi kemm id-diretturi u anke Mark Tabone kollha naqsu mill-obbligi tagħhom u setgħu ukoll kissru r-regolamenti taħt l-Artiku 216 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*"

Għalkemm Mariano Gatt jgħid illi kien tqabbad is-Sur Mario Camilleri biex jieħu ħsieb materji ta' health and safety, dan ġie kontradett mill-istess Mario Camilleri li xehed:

"*Il-kariga tiegħi hi dik ta' direttur mas-socjeta AME Limited li tinsab gewwa Triq it-Torri, Swatar. Għar-rigward l-incident li seħħ gewwa Gatt Tarmac Limited, Għajnsielem ngħid li għall-ħabta tat-tmienja (8) ta' Mejju 2017, kien cempilli Marjano Gatt fejn infurmani li kien seħħ incident fuq il-lant tax-xogħol u cioe gewwa Għajnsielem. Spjegali l-fatti tal-incident u staqsejtu jekk għamilx l-injury report u għidtlu jekk informax lil OHSA. Tajtu word document u qalli li ma kienx mela waħda, tlabtu jibgħatli r-ritratti ta' fejn seħħ l-incident u jiena mlejtlu parti sebgħa (07), tmienja (08), u disgħa (09) tad-dikjarazzjoni. La ffirmajtha u ergajt bgħattha lura sabiex jipprezentaha l-OHSA. Jiena ma ffirmajtiex id-dikjarazzjoni peress li jiena ma għandi x'naqsam xejn mal-kumpanija. Agreements bejni w il-kumpanija ma hemmx. Fis-sena elfejn u ħdax, Marjano Gatt kien talabni sabiex nagħmel health risk assessment fuq il-plant tal-Qala. Health Risk Assessment gewwa Għajnsielem jiena qatt ma għamilt u skont x'kien qalli Gatt qal li kemmu is-Shield Consultants fuq diversi progetti. Irrid ngħid wara li urieni r-ritratti li hemm mehmuzin fid-dokument MG 01 fejn jiena ktibt u tajt parir li għandu jsir xi tip ta' railing. Jiena ma ffirmajtx dan id-dokument peress li jiena ma naf b'xejn*".

F'dan l-istadju, issir referenza wkoll għax-xhieda ta' Norbert Ciappara in rappreżentanza tal-OHSA li wkoll issottolinja n-nuqqasijiet li ġew osservati minnu:

"*komplejt inkellem lil Mario Gatt fejn saqsejtu jekk kienx hemm Risk Assessment. Qalli li kien hemm wieħed in progress li kien qed jitħejja mill-AME, proprju minn certa Mario Camilleri. Dan tal-aħħar kien qallu li kien jeħtieg jispjegalhom xi affarijiet u li kien jonqoshom jiffirmawh. Mill-ezami li għamilt tal-post, rigward miżuri li rajt nieqsa fl-area tal-incident, ngħid li ma kienx hemm segregazzjoni ta' passaggi minn fejn jimxu n-nies u l-vetturi. Ezercizzju ta' risk assessment kien jirrileva din il-mankaza, u allura*

*kienet tinħoloq Sistema li tindika fejn għandhom jimxu n-nies u l-vetturi...Qed nippreżenta sett ta' ritratti li ħadt fis-26 ta' Mejju 2017 immarkati NC1-NC6.*

*...wara li kont kellimt lil Gatt, u kellu jibgħatli r-risk assessment kif imħejji mill-AME, dan baqa' qatt ma ntbgħatli u fl-4 ta' Ottubru tal-istess sena kont ktibt lid-Direttur ta' Gatt Tarmac, imma l-ittra baqgħet tigi lura.*

*Fit-8 ta' Novembru 2017.....mort il-plant u kont tajtu l-ittra by hand, liema ittra qed nesebixxi bħala 'Dok NC7', u kien qalli li kien għadhom ma ffinalizzawx.*"

Dwar il-punt imqajjem mid-difiża fis-sens li **l-imputati ħadu ħsieb ukoll biex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom sabiex tiġi assigurata s-saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol**, id-difiża saħqet li għar-rigward tas-sigurtà u s-saħħa, l-imputati dejjem ħadu ħsieb. Inġibdet l-attenzjoni ta' din il-Qorti li skont l-istess Emanuel Mercieca, ġie osservat li l-ħaddiema l-oħra kellhom safety shoes u high visibility jackets, iżda kien huwa li jagħżel li ma jużahomx. Saret ukoll insistenza li l-istess Mercieca ammetta li huwa qatt ma kien qal lil ta' Gatt li huwa ma jħossu sigur fuq il-post tax-xogħol.

Minn evalwazzjoni tal-provi prodotti, jirriżulta illi kien hemm nuqqas ta' implimentazzoni ta' miżuri ta' sigurtà u saħħa. Irriżulta wkoll illi Health Risk Assessment qatt ma kien sar, nonostante li dan intalab li jiġi ppreżentat lir-rappreżentant tal-OHSA diversi drabi. Mill-provi prodotti, irriżulta wkoll li l-ħaddiema qatt ma rċevew taħriġ dwar il-health and safety.

Imbagħad fir-rigward tal-punt imqajjem mid-difiża fir-rigward li **dak li seħħ kien tort ta' negliġenza tal-parte civile**, din il-Qorti tqis li anke li kieku għall-grazzja tal-argument kien hemm xi tip ta' negliġenza daparte ta' Emanuel Mercieca, tali negliġenza kontributorja o meno tal-impjegat Emanuel Mercieca, bl-ebda mod ma teżonera lill-imputati mill-obbligi tagħhom.

Din il-Qorti tagħmilha ċara li l-oneru tal-prova f'dawn it-tip ta' imputazzjonijiet huwa fuq l-istess imputati. Infatti, fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjoni, ir-regolament numru 20 tal-leġislazzjoni sussidjarja 424.18 jistipola li:

"*F'dawk il-procedimenti dwar reat li jsiru taht dawn ir-regolamenti, li jkun jikkonsisti fin-nuqqas ta' twettiq ta' dmir jew htiega li ssir xi haga sakemm din tkun prattika jew sakemm din tkun bir-ragun prattika, jew li jintuzaw l-ahjar mezzi prattici biex issir xi haga, ghandu jkun jaqa' fuq l-akkuzat li jipprova (skond ma jkun il-kaz) illi ma kienx prattiku jew bir-ragun prattiku li jaghmel iktar milli fil-fatt sar sabiex iwettaq id-dmir jew il-htiega, jew li ma kienx hemm mezzi prattici ahjar minn dawk li fil-fatt intuzaw sabiex iwettaq id-dmir jew il-htiega.*"

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, ir-regolament numru 5 tal-Liġi sussidjarja 424.16 tal-Liġijiet ta' Malta tagħmilha ċara li:

*"5.Fi procedimenti dwar xi reat taht dawn ir-regolamenti li jkunu jikkonsistu f'nuqqas ta' tharis ta' xi dmir jew htiega li ssir xi haga, jew li ssir xi haga sakemm din tkun ragonevolment prattikabbli, ikun l-akkuzat li jkollu jgib prova (skond il-kaz) li ma kienx prattikabbli jew ragenovolment prattikabbli li jintghamel iktar milli fil-fatt sar biex jigu sodisfatti d-dmir jew il-htiega, jew li ma kienx hemm xi mezz prattikabbli ahjar minn dak li jkun fil-fatt intuza biex jissodisfa d-dmir jew il-htiega."*

Nonostante li l-imputati huma mgħobbija bl-oneru tal-prova fir-rigward tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet, huma naqsu milli b'xi mod jiġġustifikaw in-nuqqasijiet tagħhom jew jispjegaw għalfejn ma għandhomx jinstabu ħatja dwar dawn l-imputazzjonijiet. Għal kuntrarju, kif già ġie spjegat mix-xhieda mogħtija minn Norbert Ciappara u anke mir-rapport ta' Mario Buttigieg esibit fl-atti tal-inkjesta allegata, irriżulta li fit-2 ta' Mejju 2017, u qabel din id-data kien hemm nuqqas ta' lqugħ jew barriers li jifirdu l-karreġġjata tal-vetturi minn fejn għandhom jgħaddu l-*pedestrians*. Dan ħareg mill-injury report innifsu, fejn l-imputati wara obbligaw irwieħhom li jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom. L-imputati ma ressqux provi sodisfaċenti illi huma għamlu dak kollu li setgħu sabiex (i) il-Health Risk Assessment jiġi ppreparat (ii) ikun hemm sinjali ta' saħħa u jew sigurtà kif imiss u xierqa u (iii) dawn il-barriers jitwaħħlu(liema barriers irriżulta li baqgħu ma twaħħlux).

Dwar imbagħad l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tqis li tressqu biżżejjed provi sodisfaċenti illi l-imputati bħala persuni li jħaddmu naqsu milli jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, u dan peress illi naqsu milli jipprovdu barriers li jifirdu l-karreġġjati minn fejn jgħaddu l-vetturi mill-perkors minn fejn jgħaddu l-*pedestrians*. Jirriżulta wkoll illi l-impjegati qatt ma ngħataw ebda informazzjoni jew taħrig biex inaqqsu r-riskju fuq il-post tax-xogħol u qatt ma ngħataw struzzjonijiet biex jonqos l-istess riskju. L-imputati naqsu addirittura milli jieħdu anke miżuri l-iktar bażiċi biex jiġi prevenut riskju eżistenti u evidenti fejn ħaddiema jintlaqtu minn vetturi tal-istess imputati.

Dwar il-piena li għandha tiġi inflitta, din il-Qorti ma tqisx li l-piena għandha tkun waħda ta' prigunerija iżda tqis li għandha tkun dik ta' kundanna ta' ħlas ta' multa liema multa ma għandhiex tkun fil-minimu tagħha, tenut kont taċ-ċirkostanzi u gravità ta' dan il-każ.

**Ikkunsidrat:**

Jifdal ukoll t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tiġi, min jinstab ħati jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta' esperti u/jew periti fl-inkjesta maġisterjali li nżammet u dana ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti tqis li f' dan ir-rigward din it-talba ma għandhiex tiġi akkordata minn din il-Qorti fl-intier tagħha. Dana qed jingħadd fid-dawl tal-fatt li l-inċident per se seħħ waqt li kienet qed tinstaq vettura minn terza persuna u ċjoè minn Mark Tabone. Din il-Qorti sejra għalhekk tordna li

tordna li l-ħatja jħallsu żewġ terzi mill-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta' esperti fl-inkjesta maġisterjali miżmuma.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, din l-Onorabbli Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi din il-kawża billi wara li rat l-artikoli 6(1), 6(2) u 38(3) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolament 10(1) u 10(2) tal-Avviż Legali 36/2003 dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18) u l-artikolu 4 (1) tal-Liġi Sussidjarja 424.16 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil Mariano Gatt u Ronnie Gatt fil-kapaċità tagħhom ta' diretturi ta' Gatt Enterprises Limited u lil Joseph Gatt, Raymond Gatt u William Gatt fil-kapaċità tagħhom ta' diretturi ta' Gatt Tarmac Limited ħatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u tikkundanna lil kull wieħed mill-ħatja sabiex iħallas multa komplessiva ta' sitt elef ewro (€6,000).

Inoltre, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħatja sabiex iħallsu bejniethom is-somma ta' elf, seba' mija u tlieta u erbgħin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€1, 743.95ċ) rappreżentanti żewg terzi tal-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta' esperti u/jew periti fl-inkjesta maġisterjali li nżammet u li ġiet esibita f'din il-kawża.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**